**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

Illum 20 ta' Novembru 2000.

Il-Pulizija
Spettur John Sacco

vs

Joseph Cini.

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Cini, ta' 35 sena, bin Joseph u Jane nee' Buttigieg imwieled il-Pieta' fis-27 ta' Mejju 1964, residenti 5, Kayton Flats, Triq it-Tamar, Qawra u li ghandu n-numru tal-karta tal-identita' 304664 (M);

Talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fiz-zminijiet differenti li jikksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'resoluzzjoni wahda u cioe';

f'dawn l-ahhar tnax-il-xahar, f'dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta' kwantita' ta' madum, zeba, u accessorji tad-dar, kif ukoll apparat tal-bahar u statwa ghall-valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1,000) u liema serq huwa kkealifikat bil-mezz, valur bil-lok u bil-hin ghad-dannu ta' Anthony Schembri mill-Qawra u persuni ohra;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u fil-granet ta' wara, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Kif ukoll talli sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), datati l-4 ta' Mejju 1993, 30 ta' Novembru, 1993, 29 ta' Awissu 1994, 2 ta' Lulju 1996, 30 ta' Lulju 1997 u 3 ta' Lulju 1998, liema sentenzi saru definittivi u ma' jistghux jigu mibdula;

U aktar talli finalment kiser il-provediment tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 3 ta' Lulju 1998, fejn kien gie misjub hati ta' reat u liberat taht kondizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fiz-zmien tlett (3) snin;

Wara illi rat l-Artikoli 261, 263, 267, 269, 270, 278, 279, 334, 49, 281 u 41;

U wara illi hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imsemmi Joseph Cini ghall-imputazzjoni ta' serq ma' thalli ebda alternattiva lil din il-Qorti hlief li ssib l-imsemmi imputat hati ta' serq.

Fir-rigward tal-piena, fil-waqt illi din il-Qorti qeghda tillibera lill-imsemmi imputat mit-tieni imputazzjoni, ghandha dan xi tghid rigward l-ewwel, t-tielet u r-raba' imputazzjonijiet.

Minhabba l-ko operazzjoni tal-imputat mal-Awtoritajiet Investigattivi u minhabba l-fatt illi r-rifurtiva giet kollha rekuperata anke bl-ghajnuna tal-istess imputat u peress illi l-imputat wera lill-Qorti illi hu serjament

jixtieq jirriforma ruhu u illi llum, wara programm relattiv jinsab ikkurat mill-problema ta' droga, l-Qorti temmen illi piena karcerarja tkun ta' detriment kbir sia ghall-imputat, sia wkoll ghall-familja tieghu li tinkludi zewgt itfal zghar u tarbija ohra naxxenti.  Min-naha l-ohra, l-gustizzja, mhux biss trid issir, izda tidher li qed issir u d-debitu lejn is-socjeta' ghandu jigi ripagat.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tikkundanna lill-imsemmi Joseph Cini ghall-multa ta' elf lira maltin (Lm1,000), b'sentejn zmien ghall-hlas.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

MAGISTRAT.